KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 22 TAL-10 LEĠISLATURA TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar il-Ħamis, 13 ta' Novembru 2025, fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

## AĠENDA 22

22.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;

22.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 21;

22.3 Punti mill-minuti;

22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju / Stima tat-Tielet Kwart tas-Sena

22.6 Proposta għall-Jum San Pawl il-Baħar u għall-Ġieħ San Pawl

22.7 Talbiet għall-Ħsarat/Danni – *Claims* (konklużjonijiet tas-sottokumitat);

22.8 Tiżjin tal-Milied;

22.9 *Road Markings* - Żebgħa tat-toroq – stima.

22.10 Kooperazzjoni ma kumpanija privata GYM (proposta)

22.11 Talba għal klassijiet ta' fitness u eżerċizzju fiżiku fil-bini tal-iskola skond il-Proċeduri Operattivi Standard (SOPs) il-ġodda

22.12 Attivitajiet ta' solidarjetà mill-kunsill.

22.13 Applikazzjoni għal fondi għall-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità

22.14 Proposta għat-tqegħid ta' bank fuq iż-żuntier tal-Kappella tal-Karmnu f'San Pawl il-Baħar.

22.15 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

22.16 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;

22.17 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;

22.18 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Alexander Aguis | *Kunsillier* | | |
| Daryl Connor | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| Alan Bugeja | *Kunsillier* | Joseph M. Attard | *Kunsillier* |
| Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |

**22.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku, is-Sur Censu Galea, fetaħ il-laqgħa fis-17:30 billi qara ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Clevion Micallef. Il-Kunsilliera Anne Fenech ma kinitx preżenti għal-laqgħa.

**22.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 21**

Il-minuti ġew approvati unanimament, ħlief għal xi żbalji ortografiċi.. Il-proponent kien il-Kunsillier Alan Bugeja u kienet sekondata mill-Kunsilliera Sandra Smart Costantino.

**22.3 Punti mill-minuti**

Is-Sindku spjega li fil każ tal-Fra Ben, sa mill-aħħar laqgħa, żewġ partijiet avviċinaw lill-Kunsill sabiex jintlaħaq ftehim, filwaqt li żewġ partijiet oħra għadhom ma waslux għal qbil. L-avukat tal-Kunsill Lokali dwar din il-kwistjoni ssuġġerixxa li l-Kunsill se jikkuntattja lill-Gvern Ċentrali u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Sadanittant, ix-xewqa tal-Kunsill Lokali hija li din il-kwistjoni tiġi riżolta mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku kkonferma li l-kuntratt għat-tiġdid tal-kera tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ġie ffirmat għall-erba' snin li ġejjin. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku reġa' fakkar lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu rapport ta' ħidma tagħhom għas-sena li għaddiet u sabiex jippreżentaw l-pjan u proposti għas-sena li ġejja, li għandhom jiġu ppreżentati waqt il- laqgħa pubblika obbligatorja tat-tieni nofs tas-sena. Is-Sindku se jikkuntattja lil xi Kunsilli Lokali oħra u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jiġi vverifikat ċertu dettalji u pjanata data għal tali laqgħa pubblika.

Barra minn hekk, is-Sindku semma li ser isir ġbir ta' oġġetti essenzjali tal-ikel u oħrajn, sabiex dawn jitqassmu mil-parroċċi għall- persuni fil-bżonn fil-lokalità. Bħala alternattiva, il-Kunsill Lokali kkuntattja xi negozji fil-lokalita għall-għajnuna, u kien hemm min offra skontijiet fuq l-ikel mixtri sabiex jingħata bħala għajnuna lil dawk fil-komunità li jistħoqqilhom dan l-appoġġ.

Fir-rigward tal-ikla tal-Milied għall-impjegati, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li l-attività ser ssir fid-9 ta' Diċembru fis-13.30. Wara sejħa għall-kwotazzjonijiet (RfQ), intgħażlu żewġ lukandi għall-offerta tal-buffet tagħhom, bil-għan li tiġi indirizzata għażla usa' ta' preferenzi. Wara diskussjoni qasira, ingħatat preferenza lil-lukanda li tinsab fil-lokalità, bil-għan li jitnaqqas il-ħtieġa tal-ivvjaġġar bil -karozza u fl-istess ħin jingħata appoġġ lin-negozji lokali.

Fir-rigward tal-għeluq propost ta' triq għal jum għat-traffiku tal-vetturi, favur l-użu tat-toroq biex jilgħabu fihom it-tfal, il-Kunsill m'għamilx ħafna progress. Madankollu, se jsir tentattiv sabiex jiġu esplorati sorsi possibbli ta' finanzjament, inkluż minn fondi relatati mal-Ġimgħa Ewropeja tal-Mobbiltà.

## 22.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku temm billi qal li, wara li tkellem mat-tim responsabbli mix-xogħlijiet ta' tisbiħ u rikostruzzjoni tal-pjazza ta' Buġibba, ġie infurmat li hemm il-ħtieġa li jingħata permess biex isir xogħol nhar ta' Ħadd wieħed. Il-Kunsillier Alan Bugeja rrimarka li, skont l-informazzjoni li għandu hu, il-permess mitlub kien għal diversi Ħdud. Wara diskussjoni qasira, is-Sindku kien ċar li ma joħroġx permess indefinit għax-xogħol nhar ta' Ħadd. Filwaqt li l-Kunsill jifhem il-ħtiġijiet tax-xogħlijiet u l-importanza li dawn jitlestew mill-aktar fis sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent fuq ir-residenti u n-negozji lokali, mhux se jingħata permess ġenerali biex isir xogħol nhar ta' Ħadd. Is-Sindku informa lill-Kunsill li se ssir laqgħa nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-għadd ta' każijiet pendenti relatati mar – road markings tela' għal 203 każ, minħabba nuqqas ta' persunal u fatturi esterni oħra. Is-Sindku spjega li, fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill approva lista ta' toroq sabiex jitwettaq ix-xogħol mill-kuntrattur. It-toroq identifikati huma dawn: Triq iż-Żernieq (li diġà tlestiet, kif rikonoxxut mill-Kunsillier Tabone), Triq il-Korp tal-Pijunieri, Triq Sant'Antnin, Triq it-Tmun, Triq il-Majjiera, Triq Andre Cunningham, kif ukoll il-front kollu ta' Buġibba u tal-Qawra. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill se jinsisti sabiex ir-rekwiżiti kollha tat-tender jiġu osservati, sabiex ix-xogħlijiet imwettqa jkunu skont l-istandards stabbiliti.

## 22.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju / Stima tat-Tielet Kwart tas-Sena

Is-Sindku introduċa lill-accountant tal-Kunsill sabiex jippreżenta l-istqarrijiet finanzjarji tat-tielet kwart. L-accountant spjega ir-rapport finanzjarju u stima tat-tielet kwart tas sena. Spjega fid-dettall l-aspetti kollha inklużi l-ispejjeż rikorrenti, is-sorsi ta' dħul, l-assi, id-debituri u l-kredituri. Saret diskussjoni li inkludiet mistoqsijiet u tweġibiet, inkluż dak dwar tagħmir u/jew vetturi li jistgħu jeħtieġu evalwazzjoni, kif ukoll dwar il-possibbiltajiet biex dawn jintużaw b'mod aktar effiċjenti. Ġie nnutat li ċertu tagħmir u vetturi ma jistgħux jintużaw minn kull persuna, peress per ezempju t-trakk il-kbir jeħtieġ liċenzja speċjali.

Ġie miftiehem li l-allowance mogħtija lill-persuna li għandha l-liċenzja speċjali tiġi trasferita lis-sewwieq li ser ikun qed isuq il-vettura, minħabba li l-persuna li kienet qed issuqu wegga u ma tistax issuq din il-vettur. Intlaħaq qbil ukoll li l-flotta tal-vetturi tal-Kunsill Lokali tiġi mmonitorjata sabiex jiġi vvalutat l-użu tal-assi. L-accountant spjega wkoll l-ammonti relatati mal-pagamenti dovuti, u d-dħul differit.

Is-Sindku semma li l-Kunsill irċieva kont mingħand Infrastructure Malta relatat ma' xogħlijiet fit-Triq Bordino u xogħlijiet oħra, li jammontaw għal madwar €101,000. Minkejja dan, m'hemmx l-intenzjoni li dan il-kont jitħallas, peress li x-xogħlijiet ma kinux ikkummissjonati mill-Kunsill, huma responsabilità ta' Infrastructure Malta u ma ntlaħaq ebda ftehim dwarhom. Il-Kunsill se jkun qed ifittex parir legali dwar din il-kwistjoni, peress li f'ħafna lokalitajiet saru xogħlijiet simili u ma ntbagħtu ebda kontijiet. Minbarra dan, is-Sindku diġà kkuntattja lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

F'dan il-punt tal-laqgħa waslet l-aħbar li l-eks Sindku ta' Birkirkara, Joanne Debono Grech, ġiet nieqsa, u l-Kunsill waqqaf il-laqgħa għal talba qasira b'suffraġju għall-ruħha.

**22.6** **Proposta għall-Jum San Pawl il-Baħar u għall-Ġieħ San Pawl**

Din il-proposta kienet diġà tressqet ukoll mill-Viċi Sindku preżenti, Chris Vella Petroni, matul leġiżlatura preċedenti. Il-Kunsillier Raymond Tabone ssuġġerixxa li, bħala sinjal ta' apprezzament lejn eks kunsilliera li servew fil-Kunsill, jitwaħħlu inkwatri kommemorattivi jew plakek ta' tifkira. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Kunsillier Clevion Micallef, li kien diġà beda jaħdem fuq proposta simili, sabiex jiġi evalwat kif jista' jiġi żviluppat Jum San Pawl il-Baħar u għall-Ġieħ San Pawl il-Baħar, bil-għan li jiġu onorati dawk il-persuni li kkontribwew b'mod sensibbli għall-lokalità.

**22.7** **Talbiet għall-Ħsarat/Danni – Claims (Konklużjonijiet);**

Il-Kunsillier Alexander Agius ta rendikont qasir tat-talbiet ippreżentati, li wħud minnhom ilhom pendenti għal xi żmien. Huwa spjega li l-Bord analizza l-biċċa l-kbira tat-talbiet, iddeskriva l-mod kif il-Bord wasal għall-konklużjonijiet tiegħu u spjega x'inhuma l-passi li jmiss. Wara diskussjoni twila, ġie miftiehem li l-Kunsill jikkomunika r-riżultat lid-dawk li ressqu t-talbiet, jieħu miżuri sabiex jiġu indirizzati żoni rikorrenti ta' inċidenti, b'mod partikolari dawk fejn il-Kunsill Lokali m'għandux responsabbiltà diretta, u jfittex parir legali f'dawk il-każijiet fejn il-Kunsill iħoss li l-inċident kien riżultat ta' *Act of God*, jiġifieri avveniment naturali u imprevedibbli li ma setax jiġi evitat u li ma jinvolvix negliġenza jew responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

**22.8** **Attivitajiet u Tiżjin tal-Milied:**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm diffikultajiet biex jiġi installat dawl dekorattiv fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, it-Triq il-Qalb ta' Ġesù u t-Triq is-Sajjied, peress li ħadd ma tefa' offerti għal dawn it-toroq. Wara li kkuntattja diversi kuntratturi, huwa informa lill-Kunsilliera li kuntrattur privat, li bħalissa qed iwettaq xogħlijiet fil-lokalità, issottometta proposta li hija konformi mal-offerti l-oħra li ġew sottomessi. Huwa talab lill-Kunsill jivvota dwar jekk din il-proposta hijiex aċċettabbli jew le u, f'każ ta' vot favur, sabiex jgħati l-istruzzjonijiet meħtieġa lill-kuntrattur biex ikun jista' jipproċedi bit-tizjin tat-toroq imsemmija. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Daryl Connor staqsa għaliex kien hemm diffikultajiet biex jiġu dekorati dawn it-toroq, ladarba fis-snin preċedenti kienu ġew imżejna. Ġie spjegat li l-Kunsill Lokali kkuntattja lill-dawk li issottomettew offerti għal bnadi oħra sabiex jingħatalhom l-opportunità li jerġaw jissottomettu proposti għat-tizjin għat -toroq imsemmija; madankollu, xi wħud indikaw li kienu sodisfatti bit-toroq tagħhom, filwaqt li oħrajn sostnew li l-ispejjeż għal din is-sena kienu eċċessivi wisq biex jidħlu għal tali piz.

Uħud mill-Kunsilliera rreferew ukoll għal problemi loġistiċi f'ċerti toroq, b'mod partikolari t-Triq Sant'Antnin, minħabba xogħlijiet marbuta mal-Pjazza ta' Buġibba. Ġie deċiż li, jekk jintlaħaq qbil mal-kuntrattur li tefa' din l-offerta, id-dawl dekorattiv isir fit-Triq il-Qalb ta' Ġesù u fit-Triq is-Sajjied. Ġie nnutat ukoll li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) ipprovdiet għajnuna finanzjarja lejn dawn id-dekorazzjonijiet.

**22.9** **Road Markings - Żebgħa tat-toroq – lista tat-toroq:**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsill li kien avviċina lill-kuntrattur responsabbli mit-tender taż-żebgħa tat-toroq sabiex jagħti pjan ta' xogħol u spiża għat-toroq indikati. Huwa spjega li, fil-bidu, il-kuntrattur irreżista din it-talba billi sostna li ma kellu l-ebda obbligu li jipprovdi

stima tal-ispejjeż; madankollu, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li t-tender stess jitlob il-preżentazzjoni ta' skeda ta' żmien u programm tax-xogħlijiet. Qed jiġu ppjanati laqgħat sabiex jiġi żgurat li d-dettalji kollha jiġu ċċarati u solvuti.

Meta mistoqsi mill-Kunsillier Joseph Matthew Attard għaliex dan ma setax jiġi kkalkulat sempliċement permezz tal-kejl tat-tul tat-triq, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm diversi aspetti tekniċi li jridu jitqiesu fit-toroq, u li fin-nuqqas ta' dawn id-dettalji l-Kunsill Lokali ma jistax jagħmel ippjanar finanzjarju xieraq u lanqas l-iskeda tax-xogħlijiet. Il-Kunsill Lokali insista ukoll li ż-żebgħa u s-sinjali għandhom jkunu skond l-istandards meħtieġa mit-tender u debitament iċċertifikati.

Is-Sindku rrimarka li mhuwiex sodisfatt b'ċertu dewmien, madankollu spjega li d-daqs tal-lokalità u l-kumplessitajiet involuti qed iwasslu għal problemi b'diversi aspetti, inklużi dawk relatati mal-parkeġġ għal detenturi tal- blue badge. Hemm ukoll id-diffikultà ta' kif jiġu ffinanzjati l-ispejjeż kollha relatati.

**22.10 Kooperazzjoni ma kumpanija privata GYM (proposta):**

Is-Sindku spjega li s-settur privat offra l-użu tal-faċilitajiet tal-gym mingħajr ħlas għal ħinijiet speċifiċi, immirati għal persuni anzjani. Il-Kunsill Lokali se jiltaqa' mal-persuna konċernata sabiex jinkisbu aktar dettalji. Diġà ġew imnedija diskussjonijiet ma' dan l-istabbiliment. Il-Kunsill approva unanimament.

**22.11 Talba għal klassijiet ta' fitness u eżerċizzju fiżiku fil-bini tal-iskola skond il-Proċeduri Operattivi Standard (SOPs) il-ġodda -anzjani.**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li *trainers* professjonali li qed joffru s-servizzi tagħhom u li għandhom bżonn post fejn jagħtu lezzjonijiet u taħriġ, sabu diffikultajiet biex jipprovdu servizz lill-komunità minħabba spejjeż relatati ma' SOPs ġodda fl-iskejjel pubbliċi. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali qabel li jsiru laqgħat mal-iskejjel sabiex tiġi diskussa triq 'il quddiem, inkluża l-possibbiltà li dawn is-servizzi jkunu ffinanzjati jew appoġġati mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

**22.12 Attivitajiet ta' solidarjetà mill-kunsill.**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li diversi parroċċi ġew ikkuntattjati u mistoqsija jekk għandhomx bżonn xi assistenza jew oġġetti essenzjali tal-ikel sabiex ikunu jistgħu jkomplu bil-ħidma tagħhom mal-inqas ixxurtjati fi ħdan il-komunitajiet tagħna. Il-Kunsill Lokali se jeżamina kwalunkwe talba li tirċievi u joffri assistenza skont il-possibbiltajiet tiegħu.

**22.13 Applikazzjoni għal fondi għall-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsilliera sabiex jissottomettu kwalunkwe proposta relatata mal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobbiltà, sabiex ikun possibbli li tintbagħat proposta formali sal-aħħar ta' Novembru. Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill qabel li jressaq kwalunkwe ideat li tista' tgħin f'dan il-proċess.

**22.14 Proposta għat-tqegħid ta' bank fuq iż-żuntier tal-Kappella tal-Karmnu f'San Pawl il-Baħar.**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi jissottomettu talba formali għat-tqegħid tal-bank, wara proposta tal- Kunsillier Daryl Connor li jsir dan il-bank. F'każ li din it-talba tiġi sottomessa, din tiġi kkunsidrata

**22.15 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Daryl Connor talab li, waqt il-laqgħa, jiġu indirizzati ż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin.

L-ewwel mistoqsija kienet relatata mal-proċess ta' reklutaġġ ta' tliet ħaddiema kleriki ġodda mal-Kunsill, kif kien ġie diskuss u maqbul f'laqgħat preċedenti, b'talba għal aġġornament dwar l-istat tal-proċess u jekk sarux avvanzi konkreti.

It-tieni mistoqsija kienet tirrigwarda l-ħarġiet organizzati għall-persuni anzjani, partikolarment jekk huwiex minnu li għall-istess ħarġiet qed jattendu l-istess persuni minħabba li jiġu kkuntattjati direttament mill-uffiċċju tal-Kunsill, filwaqt li persuni oħra interessati jiġu infurmati li l-ħarġa tkun diġà mimlija.

Fir-rigward tal-proċess ta' reklutaġġ ta' tliet ħaddiema ġodda mal-Kunsill, kif diskuss u maqbul f'laqgħat preċedenti, ġie spjegat li, wara s-suġġeriment li sar fil-Laqgħa Nru 20, u minkejja li d-dokumentazzjoni kollha kienet diġà nġabret, fil-Laqgħa Nru 21 il-Kunsill approva li s-sejħiet għall-impjiegi ta' Skrivan (Skala 16) jkollhom rekwiżit minimu ta' ċertifikat tal-iskola sekondarja biss. Dan sar bil-għan li jitnaqqsu r-rekwiżiti u tiġi estiża l-firxa ta' kandidati eliġibbli. Ġie indikat ukoll li, wara l-approvazzjoni tal-minuti rilevanti kif mitlub mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l-applikazzjonijiet kollha se jintbagħtu flimkien. Dan sabiex jiġi żgurat proċess ordnat u koordinat tas-sejħiet u tal-intervisti, u sabiex il-proċess isir f'fażi waħda, kif mixtieq. Ġie nnutat li għad qed jintalbu xi kjarifiki mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-Ftehim Kollettiv.

Fir-rigward tal-ħarġiet organizzati għall-persuni anzjani, ġie indikat li se tingħabar aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, peress li s'issa ma kienx hemm għarfien ta' prattika li fiha l-istess persuni jkunu qed jattendu ripetutament minħabba kuntatt dirett mal-Uffiċċju tal-Kunsill. Ġie rrimarkat li dawn l-attivitajiet huma maħsuba biex ikunu miftuħa għal kulħadd u li għandhom jiġu offruti opportunitajiet indaqs għal dawk kollha li jkunu interessati li jipparteċipaw. Ġie nnutat ukoll li għandu jkun hemm kjarezza dwar il-proċess ta' reġistrazzjoni u dwar in-numru massimu ta' parteċipanti għal kull ħarġa, sabiex tiġi żgurata trasparenza amministrattiva. Il-Kunsill Lokali qabel li jipprova jagħti perjodu ta' ħamest ijiem għal prenotazzjoni miftuħa lill-persuni anzjani, qabel ma jiġu kkuntattjati direttament mill-impjegati tal-uffiċċju.

**22.16 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Il-Kunsill Lokali approva l-offerti riċevuti (l-orħos offerti konformi) għall-istediniet għal kwotazzjonijiet li ġejjin:

RFQ010/2025SG – Provvista u konsenja ta' aċċessorji kontra l-vandaliżmu għal lattrini;

RFQ026/2025SG – Provvista u kiri ta' mobile toilets;

RFQ027/2025SG – Servizz ta' tindif fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar;

RFQ028/2025SG – Provvista ta' First Aid Kit;

RFQ029/2025SG – Provvista ta' servizz għat-tindif ta' culverts (stormwater);

RFQ030/2025SG – Provvista ta’ żlitta tal-Milied;

RFQ031/2025SG – Provvista ta’ servizzi ta’ plumbing.

**22.17 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

L-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata. Il-mozzjoni biex jiġu approvati ġiet proposta mill-Kunsilliera Rachel Williams u ssekondata Kunsilliera Sandra Gauci

**22.18 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20.05 u aġġornat għal nhar Ħamis 11 ta’ Dicembru 2025.

________________________ ________________________

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
**Bjorn Bonello**

**Sindku**
**Ċensu Galea**